

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 418/2012

tas-16 ta' Mejju 2012

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 376/2008 dwar l-obbligazzjonijiet ta' liċenzji għal ċerti prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1342/2003 dwar it-trasferiment tad-drittijiet li jirriżultaw mil-liċenzji taċ-ċereali u r-ross importati taħt kwoti tariffarji

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 134 u l-Artikolu 161(3) flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 130 u 161 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, sabiex timmaniġġja l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet, il-Kummissjoni nġhatat is-setgħa li tiddetermina l-prodotti li għalihom l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tkun soġġetta għal preżentazzjoni ta' liċenzja. Waqt li tivvaluta l-ħtieġa ta' sistema ta' liċenzji, il-Kummissjoni għandha tqis l-istrumenti xierqa għall-ġestjoni tas-swieq u, b'mod partikolari, għall-monitoraġġ tal-importazzjonijiet jew l-esportazzjonijiet.

(2) L-Artikolu 1(2)(a)(i) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 tat-23 ta' April 2008 li jstabbilixxi regoli ddettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' ffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli ⁽²⁾ flimkien mat-Taqsima A tal-Parti I tal-Anness II għal dak ir-Regolament, jipprovdi għal obbligazzjoni ta' liċenzja għall-importazzjonijiet ta', fost l-oħrajn, qamħ durum, inkluż prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji hekk kif imsemmija fl-Artikolu 1(2)(a)(iii) ta' dak ir-Regolament, xgħir u sorgu tal-qamħ minbarra ibridi għaż-żriegħ, u wkoll iż-żerriegħa ta' dawn il-prodotti kollha. Ir-Regolament (KE) Nru 376/2008 jipprovdi wkoll għal obbligazzjoni ta' liċenzja għall-importazzjonijiet ta' manjoka, ararut, salep, artiċokks ta' Ġerusalem, patata ħelwa u

għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli ta' lamtu jew inulina, friski, imkessħin, iffriżati jew imnixxfen, kemm jekk flieli jew le jew f'forma ta' gerbub, għall-importazzjonijiet ta' sago pith u għall-importazzjonijiet ta' patata ħelwa għall-konsum uman.

(3) L-Artikolu 1(2)(b)(i) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 flimkien mat-Taqsima A tal-Parti II tal-Anness II għal dak ir-Regolament jipprovdu għal obbligazzjoni ta' liċenzja għall-esportazzjonijiet ta', fost oħrajn, qamħ durum, segala, xgħir u ħafur, u wkoll iż-żerriegħa tagħhom kollha.

(4) L-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 376/2008 jirreferi għall-kodiċi tan-NM sabiex jindika dawk il-prodotti li huma soġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni jew l-esportazzjoni skont il-kundizzjonijiet stipulati minn dak ir-Regolament.

(5) Jidher xieraq li l-kodiċijiet tan-NM użati fil-Partijiet I, II u III tal-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 376/2008 jiġu adattati għal dawk użati fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar it-tariffi u n-nomenklatura statistika dwar it-Tariffi Doganali Komuni ⁽³⁾ hekk kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1006/2011 ⁽⁴⁾. Barra minn dan, huma meħtieġa xi tibdiliet lingwistiċi minuri fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 376/2008 fl-interess taċ-ċarezza.

(6) Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni u sabiex jitħaffef il-piż amministrattiv għall-Istati Membri u l-operaturi, ir-rekwiżit ta' liċenzji tal-importazzjoni għal żerriegħa ta' qamħ durum, inkluż prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji hekk kif imsemmija fl-Artikolu 1(2)(a)(iii) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, tax-xgħir u sorgu tal-qamħ minbarra ibridi għaż-żriegħ, ir-rekwiżit ta' liċenzji ta' importazzjoni għall-manjoka, ararut, salep, artiċokks ta' Ġerusalem, patata ħelwa u għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli ta' lamtu jew inulina, friski, imkessħin,

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.⁽³⁾ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 282, 28.10.2011, p. 1.

iffriżati jew imnixxfen, kemm jekk flieli jew le jew f'forma ta' gerbub, għal sago pith u patata ħelwa għall-konsum uman kif ukoll ir-reqwiżit ta' liċenzji tal-esportazzjoni għal żerriegħa ta' qamħ durum, segala, xgħir u ħafur għandhom jitneħħew.

- (7) Skont l-Artikolu 130(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, ir-Regolament (KE) Nru 376/2008 introduċa obbligazzjoni ta' liċenzja għall-importazzjonijiet tal-prodotti kollha taz-zokkor li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 1701 importati b'kundizzjonijiet preferenzjali li mhumiex kwoti tariffarji. L-ammont tal-garanzija u l-perjodu tal-validità tal-liċenzji tal-importazzjoni għall-prodotti kollha li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM importati b'kundizzjonijiet preferenzjali li mhumiex kwoti tariffarji huma stabbiliti fit-Taqsima C tal-Parti I tal-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 376/2008 permezz ta' referenza għad-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-regolamenti settorjali tal-Kummissjoni. Minħabba li dawk ir-regolamenti sadanittant ġew irrevokati, huwa xieraq li jiġu speċifikati l-ammont tal-garanzija u l-perjodu ta' validità tal-liċenzji tal-importazzjoni tal-prodotti kkonċernati f'dik it-Taqsima.
- (8) Il-kodiċijiet tal-prodotti li għalihom hija meħtieġa liċenzja tal-importazzjoni bħalissa huma elenkati fil-Parti I tal-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 376/2008. Permezz tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1667/2006 tas-7 ta' Novembru 2006 dwar il-glukożju u l-lattożju ⁽¹⁾, id-dispożizzjonijiet kollha, u b'mod partikolari s-sistema tal-kummerċ ma' pajjiżi terzi, adottati għal lattożju tal-prodotti tal-ħalib u l-ġulepp tal-lattożju li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 1702 19 00 huma estiżi għal-lattożju tal-prodotti industrijali u l-ġulepp tal-lattożju li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 1702 11 00. Għal raġunijiet ta' kompletezza, trasparenza u ċarezza, huwa xieraq li jiġi inkluż kodiċi tan-NM 1702 11 00 fil-Parti I tal-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 376/2008.
- (9) Fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, huma stabbiliti r-regoli orizzontali li jikkonċernaw it-trasferibbiltà tal-liċenzji inkluż it-trasferiment tad-drittijiet li ġejjin minn liċenzji jew ċertifikati. Fl-interess taċ-ċarezza fir-rigward tat-trasferibbiltà tal-liċenzji maħruġa skont l-Artikolu 1(2)(a)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 dwar kwoti tariffarji, jidher xieraq li jiġi adattat l-Artikolu 6(7) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1342/2003 tat-28 ta' Lulju 2003 li jistabbilixxi regoli speċjali u dettaljati għall-applikazzjoni ta' sistema ta' liċenzi tal-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' ċereali u ross ⁽²⁾.
- (10) Ir-Regolament (KE) Nru 376/2008 u r-Regolament (KE) Nru 1342/2003 għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.
- (11) Għal raġunijiet ta' ċarezza, huwa xieraq li jiġu stabbiliti r-regoli dwar il-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa għaż-

żerriegħa tal-qamħ durum inkluż prodotti importati taħt kwoti tariffarji hekk kif imsemmija fl-Artikolu 1(2)(a)(iii) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, tax-xgħir u s-sorgu tal-qamħ minbarra ibridi għaż-żriegħ, il-liċenzji ta' importazzjoni għall-manjoka, ararut, salep, artiċokks ta' Ġerusalemm, patata ħelwa u għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli ta' lamtu jew inulina, friski, imkessħin, iffriżati jew imnixxfen, kemm jekk flieli jew le jew f'forma ta' gerbub; sago pith; patata ħelwa għall-konsum uman u l-liċenzji tal-esportazzjoni maħruġa għaż-żerriegħa tal-qamħ durum, segala, xgħir u ħafur, li għadhom validi fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

- (12) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 376/2008

L-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 376/2008 jinbidel bit-test fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 1342/2003

Fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1342/2003, il-paragrafu 7 jinbidel b'dan li ġej:

"7. B'deroga mill-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, id-drittijiet li jirriżultaw minn liċenzji msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu m'għandhomx ikunu trasferibbli."

Artikolu 3

Miżuri tranżizzjonali

Fuq talba tal-partijiet interessati, għandhom jiġu rrilaxxati l-garanziji li jkunu ngħataw għall-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni għal żerriegħa ta' qamħ durum, inkluż prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji hekk kif imsemmija fl-Artikolu 1(2)(a)(iii) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, tax-xgħir u sorgu tal-qamħ minbarra ibridi għaż-żriegħ, ir-reqwiżit ta' liċenzji ta' importazzjoni għall-manjoka, ararut, salep, artiċokks ta' Ġerusalemm, patata ħelwa u għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli ta' lamtu jew inulina, friski, imkessħin, iffriżati jew imnixxfen, kemm jekk flieli jew le jew f'forma ta' gerbub, għal sago pith u patata ħelwa għall-konsum uman kif ukoll ir-reqwiżit ta' liċenzji tal-esportazzjoni għal żerriegħa ta' qamħ durum, segala, xgħir u ħafur jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-validità tal-liċenzji tkun għadha ma skadietx fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;
- (b) il-liċenzji jkunu ntużaw biss parzjalment jew ma jkunux intużaw fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 312, 11.11.2006, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 189, 29.7.2003, p. 12.

*Artikolu 4***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Mejju 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX

"ANNEX II

PARTI I

OBBLIGAZZJONI TA' LIĊENZJA — GĦALL-IMPORTAZZJONIJIET

Lista tal-prodotti msemmijin fl-Artikolu 1(2)(a)(i) u l-limiti applikabbli skont l-Artikolu 4(1)(d)

A. Ċereali (il-Parti I tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitjiet netti (1)
1001 19 00	Qamħ durum, minbarra żerriegħa, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 1/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	5 000 kg
ex 1001 99 00	Spelt, qamħ komuni u taħlitiet ta' ċereali minbarra żerriegħa, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 1/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	5 000 kg
1003 90 00	Xgħir, minbarra żerriegħa	EUR 1/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	5 000 kg
1005 90 00	Qamħirrum minbarra żerriegħa	EUR 1/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	5 000 kg
1007 90 00	Sorgu tal-qamħ, minbarra żerriegħa	EUR 1/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	5 000 kg
1101 00 15	Dqiq tal-qamħ komuni u spelt	EUR 1/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	1 000 kg
2303 10	Fdal tal-manifattura tal-lamtu u residwi simili	EUR 1/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	1 000 kg
2303 30 00	Fermentazzjoni jew distillar ta' fond u skart	EUR 1/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	1 000 kg
ex 2308 00 40	Fdalijiet tal-polpa taċ-ċitru	EUR 1/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	1 000 kg

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitajiet netti ⁽¹⁾
2309 90 20	Prodotti msemmija fin-nota addizzjonali 5 għall-Kapitolu 23 tan-Nomenklatura Magħquda	EUR 1/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	1 000 kg

⁽¹⁾ Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.

(—) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-ħtieġa ta' liċenzja jew ċertifikat.

B. **Ross** (il-Parti II tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitajiet netti ⁽¹⁾
1006 20	Ross (ismar) bla ħliefa, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 30/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	1 000 kg
1006 30	Ross mitħun jew nofsu mitħun, kemm jekk illustrat jew igglejżjat jew le, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 30/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	1 000 kg
1006 40 00	Ross imfarrak, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 1/t	sa tmiem it-tieni xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	1 000 kg

⁽¹⁾ Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.

(—) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-ħtieġa ta' liċenzja jew ċertifikat.

C. **Zokkor** (il-Parti III tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitajiet netti ⁽¹⁾
1701	Il-prodotti kollha importati b'kundizzjonijiet preferenzjali minbarra kwoti tariffarji	EUR 20/t	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	(—)

⁽¹⁾ Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.

(—) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-ħtieġa ta' liċenzja jew ċertifikat.

D. **Żerriegħa** (il-Parti V tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitajiet netti ⁽¹⁾
ex 1207 99 20	Żerriegħa ta' varjetajiet tal-qanneb, għaż-żriegħ	⁽²⁾	sa tmiem is-sitt xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2), sakemm ma jkunx hemm dispożizzjoni mod ieħor mill-Istati Membri	(—)

⁽¹⁾ Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.

⁽²⁾ M'hemm b'żonn l-ebda garanzija. Ara l-kundizzjonijiet l-oħrajn fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 507/2008.

(—) Għal kwalunkwe kwantità hija meħtieġa liċenzja jew ċertifikat.

E. **Żejt taż-żejbuġa u żejbuġ** (il-Parti VII tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitajiet netti ⁽¹⁾
ex 0709 92 90	Żejbuġ, frisk, għall-produzzjoni taż-żejt	EUR 100/t	60 jum mid-data attwali tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	100 kg
0711 20 90	Żejbuġ ippreżervat provviżorjament (pereżempju, bil-gass diossidu tal-kubrit, fis-salmura, filma tal-kubrit jew f'taħlitiet oħrajn biex jippreservaw), iżda mhux tajjeb f'dak l-istat għal konsum immedjat, għall-produzzjoni taż-żejt, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarja, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 100/t	60 jum mid-data attwali tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	100 kg
2306 90 19	Għalf tal-bhejjem (oilcake) u fdal oħrajn li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt taż-żejbuġa, li fihom aktar minn 3 % tal-piż żejt taż-żejbuġa	EUR 100/t	60 jum mid-data attwali tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2)	100 kg

⁽¹⁾ Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.

(—) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-ħtieġa ta' liċenzja jew ċertifikat.

F. **Kittien u qanneb** (il-Parti VIII tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitajiet netti ⁽¹⁾
5302 10 00	Qanneb veru, mhux maħdum jew imrattab	⁽²⁾	sa tmiem is-sitt xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2), sakemm ma jkunx hemm dispożizzjoni mod ieħor mill-Istati Membri	(—)

⁽¹⁾ Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.

⁽²⁾ M'hemm bżonn l-ebda garanzija. Ara l-kundizzjonijiet l-oħrajn fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 507/2008.

(—) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-ħtieġa ta' liċenzja jew ċertifikat.

G. **Frott u ħxejjex** (il-Parti IX tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitajiet netti ⁽¹⁾
0703 20 00	Tewm, frisk jew imkessaħ, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 50/t	3 xhur mid-data tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
ex 0703 90 00	Veġetali ieħor tal-ġens tat-tewm, frisk jew imkessaħ, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 50/t	3 xhur mid-data tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)

⁽¹⁾ Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.

(—) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-ħtieġa ta' liċenzja jew ċertifikat.

H. **Prodotti tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati** (il-Parti X tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitajiet netti ⁽¹⁾
ex 0710 80 95	Tewm ⁽²⁾ u <i>Allium ampeloprasum</i> (mhux imsajjar jew imsajjar bil-fwar jew fil-misħun jagħli), iffriżat, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 50/t	3 xhur mid-data tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
ex 0710 90 00	Taħlitiet ta' veġetali li jkun fihom it-tewm ⁽²⁾ u/jew l- <i>Allium ampeloprasum</i> (mhux imsajjar jew imsajjar bil-fwar jew fil-misħun jagħli), iffriżati, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 50/t	3 xhur mid-data tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
ex 0711 90 80	Tewm ⁽²⁾ u <i>Allium ampeloprasum</i> ippreżervati provviżorjament (pereżempju, bil-gass diossidu tal-kubrit, fis-salmura, filma tal-kubrit jew f'taħlitiet oħrajn biex jippreservaw), iżda mhux tajbin għall-konsum immedjat f'dak l-istat, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 50/t	3 xhur mid-data tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
ex 0711 90 90	Taħlitiet ta' veġetali li jkun fihom it-tewm ⁽²⁾ u/jew l- <i>Allium ampeloprasum</i> , ippreżervati provviżorjament (pereżempju, bil-gass diossidu tal-kubrit, fis-salmura, filma tal-kubrit jew f'taħlitiet oħrajn biex jippreservaw), iżda mhux tajbin għall-konsum immedjat f'dak l-istat, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 50/t	3 xhur mid-data tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
ex 0712 90 90	Tewm imnixxef ⁽²⁾ u <i>Allium ampeloprasum</i> u taħlitiet ta' veġetali imnixxfa li jkun fihom it-tewm ⁽²⁾ u/jew l- <i>Allium ampeloprasum</i> , sħiħ, imqatta', imqatta' flieli, imkisser jew mitħun, iżda mhux ippreparat aktar minn hekk, inkluż il-prodotti importati taħt il-kwoti tariffarji, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(a)(iii)	EUR 50/t	3 xhur mid-data tal-ħruġ tal-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)

⁽¹⁾ Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.

⁽²⁾ Dan għandu jinkludi wkoll prodotti li fihom il-kelma 'tewm' hija biss parti mid-deskrizzjoni. Termini bħal dawn jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal 'tewm "solo", 'tewm "elephant", 'tewm "single clove" jew 'tewm "great-headed".

(—) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-hueġa ta' liċenzja jew ċertifikat.

I. **Ċanga u vitella** (il-Parti XV tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitajiet netti ⁽¹⁾
ex 0102 29 10 sa ex 0102 29 99 0102 39 10 0102 90 91	Il-prodotti kollha ta' speċijiet domestiċi importati b'kundizzjonijiet preferenzjali li mhumiex kwoti tariffarji	EUR 5 ir-ras	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitjiet netti (1)
0201 u 0202	Il-prodotti kollha importati b'kundizzjonijiet preferenzjali li mhumiex kwoti tariffarji	EUR 12 ir-ras 100 kg piż nett	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
0206 10 95 u 0206 29 91	Il-prodotti kollha importati b'kundizzjonijiet preferenzjali li mhumiex kwoti tariffarji	EUR 12 ir-ras 100 kg piż nett	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
1602 50 10, 1602 50 31 u 1602 50 95	Il-prodotti kollha importati b'kundizzjonijiet preferenzjali li mhumiex kwoti tariffarji	EUR 12 ir-ras 100 kg piż nett	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
1602 90 61 u 1602 90 69	Il-prodotti kollha importati b'kundizzjonijiet preferenzjali li mhumiex kwoti tariffarji	EUR 12 ir-ras 100 kg piż nett	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)

(1) Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.

(—) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-ħtieġa ta' liċenzja jew ċertifikat.

J. Ħalib u prodotti tal-ħalib (il-Parti XVI tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitjiet netti (1)
ex Kapitolu 4, 17, 21 u 23	Il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib kollha, importati b'kundizzjonijiet preferenzjali li mhumiex kwoti tariffarji u bl-eċċezzjoni tal-Ġobon u tal-baqta (kodiċi tan-NM numru 0406) li joriġinaw mill-Isvizzera, importati mingħajr liċenzja, kif ġej:			
0401	Ħalib u krema, li la huma kkonċentrati u lanqas fihom zokkor miżjud jew materja oħra li żżid il-ħlewwa	EUR 10/100 kg	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
0402	Ħalib u krema, kkonċentrati jew li fihom zokkor miżjud jew materja oħra li żżid il-ħlewwa	EUR 10/100 kg	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
0403 10 11 sa 0403 10 39 0403 90 11 sa 0403 90 69	Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema oħrajn fermentati jew li saru aċidużi, kemm jekk kkonċentrati kif ukoll le jew fih zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew imħawrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw	EUR 10/100 kg	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
0404	Xorrox, kemm jekk ikkonċentrat kif ukoll jekk le jew biz-zokkor materjal ieħor li jagħmel ħelu; prodotti magħmulin minn konstitwenti naturali tal-ħalib, kemm jekk biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew le, li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra	EUR 10/100 kg	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitajiet netti ⁽¹⁾
0405 10 0405 20 90 0405 90	Butir u xaħmijiet u żjut oħra magħmulin mill-ħalib; dlik (pejst) ta' prodotti tal-ħalib b'kontenut ta' xaħam ta' aktar minn 75 % iżda anqas minn 80 %	EUR 10/100 kg	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
0406	Ġobon u baqta, bl-eċċezzjoni tal-Ġobon u tal-baqta li joriġinaw mill-Isvizzera, importati mingħajr liċenzja	EUR 10/100 kg	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
1702 11 00 1702 19 00	Laktows u ġulepp tal-laktows	EUR 10/100 kg	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
2106 90 51	Ġulepp tal-laktows imħawwar jew kulurit	EUR 10/100 kg	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)
2309 10 15 2309 10 19 2309 10 39 2309 10 59 2309 10 70 2309 90 35 2309 90 39 2309 90 49 2309 90 59 2309 90 70	Preparazzjonijiet ta' tip li jintużaw f'għalf tal-annimali: Preparazzjonijiet u għalf li fihom prodotti li għalihom japplika r-Regolament (KE) Nru 1234/2007, b'mod dirett jew permezz tar-Regolament (KE) Nru 1667/2006, minbarra l-preparazzjonijiet u l-għalf li jaqgħu taħt il-Parti I tal-Anness I għal dak ir-Regolament	EUR 10/100 kg	sa tmiem it-tielet xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	(—)

(¹) Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.

(—) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-ħtieġa ta' liċenzja jew ċertifikat.

K. **Prodotti oħrajn** (il-Parti XXI tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitajiet netti ⁽¹⁾
1207 99 91	Qannebusa, minbarra għaż-żriegħ	(²)	sa tmiem is-sitt xahar ta' wara xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2), sakemm ma jkunx hemm dispożizzjoni mod ieħor mill-Istati Membri	(—)

(¹) Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.

(²) M'hemm b'żonn l-ebda garanzija. Ara l-kundizzjonijiet l-oħrajn fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 507/2008.

(—) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-ħtieġa ta' liċenzja jew ċertifikat.

L. **Alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola** (il-Parti I tal-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitjiet netti ⁽¹⁾
ex 2207 10 00	Alkoħol etiliku mhux żnaturat b'saħħa alkoħolika bil-volum ta' 80 % vol jew aktar, miksub mill-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I għat-Trattat	EUR 1 għal kull ettolitru	sa tmiem ir-raba' xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	100 hl
ex 2207 20 00	Alkoħol etiliku u spirti oħrajn, żnaturati, ta' kwalunkwe saħħa, miksuba mill-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I għat-Trattat	EUR 1 għal kull ettolitru	sa tmiem ir-raba' xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	100 hl
ex 2208 90 91	Alkoħol etiliku mhux żnaturat b'saħħa alkoħolika bil-volum ta' inqas minn 80 % vol., miksub mill-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I għat-Trattat	EUR 1 għal kull ettolitru	sa tmiem ir-raba' xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	100 hl
ex 2208 90 99	Alkoħol etiliku mhux żnaturat b'saħħa alkoħolika bil-volum ta' inqas minn 80 % vol., miksub mill-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I għat-Trattat	EUR 1 għal kull ettolitru	sa tmiem ir-raba' xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	100 hl

⁽¹⁾ Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-importazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.

(—) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-ħtieġa ta' liċenzja jew ċertifikat.

PARTI II

OBBLIGAZZJONI TA' LIĊENZJA GĦALL-ESPORTAZZJONIJET TAL-PRODOTTI LI FUQHOM, DAKINHAR LI TIĠI MRESSQA L-APPLIKAZZJONI GĦAL-LIĊENZJA, TKUN GĦADHA MA ĠIETX IFFISSATA RIFUŻJONI JEW TAXXA FUQ L-ESPORTAZZJONI

Lista tal-prodotti msemmijin fl-Artikolu 1(2)(b)(i) u l-limiti applikabbli skont l-Artikolu 4(1)(d)

A. **Ċereali** (il-Parti I tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007) ⁽¹⁾

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitjiet netti ⁽¹⁾
1001 19 00	Qamħ tat-tip durum, minbarra żerriegħa	EUR 3/t	sa tmiem ir-raba' xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	5 000 kg
ex 1001 99 00	Spelt, qamħ komuni u meslin minbarra żerriegħa	EUR 3/t	sa tmiem ir-raba' xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	5 000 kg
1002 90 00	Segala minbarra żerriegħa	EUR 3/t	sa tmiem ir-raba' xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	5 000 kg
1003 90 00	Xgħir, minbarra żerriegħa	EUR 3/t	sa tmiem ir-raba' xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	5 000 kg

⁽¹⁾ Ħlief jekk ma jkunx previst mod ieħor fir-Regolament (KE) Nru 1342/2003.

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitajiet netti (1)
1004 90 00	Ħafur, minbarra żerriegħa	EUR 3/t	sa tmiem ir-raba' xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	5 000 kg
1005 90 00	Qamħirrum, minbarra żerriegħa	EUR 3/t	sa tmiem ir-raba' xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	5 000 kg
1101 00 15	Dqiq tal-qamħ komuni u spelt	EUR 3/t	sa tmiem ir-raba' xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	500 kg

(1) Kwantitajiet massimi li ma jhejtigux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-esportazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali, taħt kwota tariffarja, jew meta tkun ġiet iffissata taxxa fuq l-esportazzjoni.

(→) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-ħtieġa ta' liċenzja jew ċertifikat.

B. Ross (il-Parti II tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitajiet netti (1)
1006 20	Ross bla ħliefa (brown)	EUR 3/t	sa tmiem ir-raba' xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	500 kg
1006 30	Ross nofsu mitħun jew mitħun kollu, kemm jekk illustrat jew igglejżjat jew le	EUR 3/t	sa tmiem ir-raba' xahar ta' wara x-xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1)	500 kg

(1) Kwantitajiet massimi li ma jhejtigux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-esportazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.

(→) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-ħtieġa ta' liċenzja jew ċertifikat.

C. Zokkor (il-Parti III tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitajiet netti (1)
1701	Zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi u sukrows kimikament pur, f'forma solida:	EUR 11/100 kg	— għal kwantitajiet ta' iktar minn 10 t, sa tmiem it-tielet xahar ta' wara xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2) — għal kwantitajiet ta' inqas minn 10 t, sa tmiem it-tielet xahar ta' wara xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1) (2)	2 000 kg
1702 60 95 1702 90 95	Zokkrijiet oħrajn f'forma solida u ġulepp taz-zokkor, li ma fihomx miżjudin ħwawar u materjal li jagħti l-kulur, iżda li ma jinkludux il-laktows, il-glukows, il-maltodextrin u l-isoglukows	EUR 4,2/100 kg	— għal kwantitajiet ta' iktar minn 10 t, sa tmiem it-tielet xahar ta' wara xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2) — għal kwantitajiet ta' inqas minn 10 t, sa tmiem it-tielet xahar ta' wara xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1) (2)	2 000 kg

Kodiċi tan-NM	Deskrizzjoni	Ammont tal-garanzija	Perjodu ta' validità	Kwantitajiet netti (1)
2106 90 59	Ġuleppijiet taz-zokkor imħawrin jew kuluriti, minbarra isoglukows, laktows, glukows u ġuleppijiet tal-maltodestrina	EUR 4,2/100 kg	— għal kwantitajiet ta' iktar minn 10 t, sa tmiem it-tielet xahar ta' wara xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(2) — għal kwantitajiet ta' inqas minn 10 t, sa tmiem it-tielet xahar ta' wara xahar tal-jum li fih tinħareġ il-liċenzja, f'konformità mal-Artikolu 22(1) (2)	2 000 kg

(1) Kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat, skont l-Artikolu 4(1)(d). Mhux applikabbli għall-esportazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali jew taħt kwota tariffarja.

(2) Għal kwantitajiet ta' inqas minn 10 t, il-parti kkonċernata ma tistax tuża aktar minn liċenzja waħda ta' dan it-tip għall-istess esportazzjoni.

(—) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-ħtieġa ta' liċenzja jew ċertifikat.

PARTI III

LIMITI GĦAL-LIĊENZJA GĦALL-ESPORTAZZJONIJET TAL-PRODOTTI LI FUQHOM, DAKINHAR LI TIĠI MRESSQA L-APPLIKAZZJONI GĦAL-LIĊENZJA, TKUN GĦADHA MA ĠIETX IFFISSATA RIFUŻJONI JEW TAXXA FUQ L-ESPORTAZZJONI

Il-kwantitajiet massimi li ma jeħtiġux il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ċertifikat tal-esportazzjoni, skont l-Artikolu 4(1)(d)

Deskrizzjoni, Kodiċi tan-NM u kodiċijiet tan-nomenklatura tar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni	Kwantità netta (1)
A. ĊEREALI:	
Għal kull prodott elenkat fil-Parti I tal-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007, minbarra s-subtitlu	5 000 kg
— 0714 20 10, u 2302 50	(—)
— 1101 00 15	500 kg
B. ROSS:	
Għal kull prodott elenkat fil-Parti II tal-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007	500 kg
C. ZOKKOR:	
Għal kull prodott elenkat fil-Parti III tal-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007	2 000 kg
D. ĦALIB U PRODOTTI TAL-ĦALIB:	
Għal kull prodott elenkat fil-Parti XVI tal-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007	150 kg
E. ĊANGA U VITELLA:	
Għall-annimali ħajjin elenkati fil-Parti XV tal-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007	Animal wieħed
Għal-laħam elenkat fil-Parti XV tal-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007,	200 kg
G. LAĦAM TAL-MAJJAL:	
Kodiċijiet tan-NM: kif ġejjin:	
0203 1601 1602	250 kg
0210	150 kg

Deskrizzjoni, Kodiċi tan-NM u kodiċijiet tan-nomenklatura tar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni	Kwantità netta ⁽¹⁾
H. TJUR: Kodiċijiet tan-NM u kodiċijiet tan-nomenklatura tar-rifużjoni tal-esportazzjoni: kif ġejjin:	
0105 11 11 9000 0105 11 19 9000 0105 11 91 9000 0105 11 99 9000	4 000 fellus
0105 12 00 9000 0105 14 00 9000	2 000 fellus
0207	250 kg
I. BAJD: Kodiċijiet tan-nomenklatura tar-rifużjoni tal-esportazzjoni: kif ġejjin:	
0407 19 11 9000	2 000 bajda
0407 11 00 9000 0407 19 19 9000	4 000 bajda
0407 21 00 9000 0407 29 10 9000 0407 90 10 9000	400 kg
0408 11 80 9100 0408 91 80 9100	100 kg
0408 19 81 9100 0408 19 89 9100 0408 99 80 9100	250 kg

(¹) Mhux applikabbli għall-esportazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali, taħt kwota tariffarja, jew meta tkun għet iffissata taxxa fuq l-esportazzjoni.

(→) Għal kwalunkwe kwantità hemm il-ħtieġa ta' liċenzja jew ċertifikat."